# IL-KARTOLINA LI SAN PIJU MINN PIETRALCINA BAGHAT LIL OMMI – U L-MIRAKLI TAGHHA.

Richard G. Evans




Immagina mara zaghzugha, ommi, inkwetata fuq ohtha nieqsa fl-Ewropa matul it-tieni gwerra dinjija, tikteb lill- qassis misterjuz, li jinghad li kellu l-pjagi ta' Kristu, li jaqra l-istat ta' l-erwieh u jopra mirakli.

Hadd ma kien jaf b'din il-korrispondenza, anqas missieri. Imma meta gie biex ibattal id-dar li fiha kien jghix ma' ommi sakemm din mietet fis-sena 1991, huti u uliedhom, inkluz jiena, ingbarna biex naraw x'nistghu niehdu u biex naraw id-dar li fiha trabbejna.

Huti l-bniet kienu jafu li jiena kelli interess f'bollol qodma u kartolini. Hafna mill-kartolini u ittri, ommi, halliethom lili. Hadd ma kien ghadu ntebah b' kartolina partikulari, hlief jiena. Kienet iggib id-data ta' l-14 ta' Dicembru tas-sena, 1945 u kellha mmarkata li telqet minn post fl-Italja jismu San Giovanni Rotondo.




Nistqarr frankament li dak iz-zmien kont imbieghed mill-knisja u din il-kartolina ftit kellha tifsira ghalija hlief l-istorja u l- wirt tal-familja. Il-messagg sempliciment kien jghid li l-Padre kien ser jitlob skont ix-xewqa ta' ommi u baghtilha l-benedizzjoni tieghu. Kienet komplita b'erba bollol tar-regim faxxista ta' l-allejat l-aktar qrib ta' Hitler.

Kienet biss oggett ghall-kollezzjoni. Ommi kienet kitbet lil sacerdot mhux maghruf u hu wieghdha li  jitlob ghaliha.  Dak kollu li kollna nafu sa dak il-mument.

# MAQBUDA MINN NAZI



Ziti li kienet tigi oht ommi, kien jisimha Anastasja, u kienet soru fl-Ordni ta' San Guzepp matul it-tieni gwerra dinjija. Kienet hadet l-isem ta' Swor San Mikiel, patrun tal-gwerriera kontra s-sema u l-art.

Intbaghtet fi Franza biex taqdi l-missjoni taghha hemm u ftit wara dahlu n-Nazi u bdew juru sniehom bil-brutalita taghhom f'dak il-pajjiz.

Iz-zija Stasja ittiehdet pruguniera u nzammet go habs tal-koncentrament fejn kienet tghix ma' ohrajn fuq il-pitravi ghal hafna miz-zmien li kienet il-habs. In-nies tal-familja taghha ma setghux ikunu jafu jekk kienitx hajja jew mejta u madankollu, hija rritornat qawwija u shiha wara li ntemmet il-gwerra.

Hija kienet ghadha ma pprofessatx formalment billi ma kienitx hadet il-voti finali. Meta rritornat lura lejn pajjizha, hija halliet il-kunvent u zzewget u kellha 8 itfal. Baqghet tattendi l-knisja regolari biex tisma' il-quddiesa kuljum u kienet kattolika prattikanti.

Fuq kollox kienet mara tbigh is-sahha u zgur kienet tibqa' hajja li kieku ma thajritx tizfen waqt wirja muzikali fid-dar tal-kura fejn kienet tghix. Sfortunatament waqghet waqt li kienet tizfen, habtet rasha u mietet xi gimghatejn wara.

# SISTER HELD IN CONCENTRATION CAMP IN FRANCE

**Mr. and Mrs. James Norton Receive Word From Sisters at Crookston Regarding Daughter; Away 4 Years**

Word was received recently by Mr. and Mrs. James Norton informing them that their daughter, Sister St. Michael, is being held with a group of American sisters in a concentration camp in France. The information came from Sisters at Crookston, where Sister St. Michael attended school.

After the war opened the Nortons had letters from their daughter about every month. She said that she was studying nursing and was working in a hospital at Bourg, which is in southern France. This was in unoccupied territory, still she wrote very little about the war or conditions there. She mentioned that she was quite busy and that many soldiers had been brought to the hospital.

**Since the occupation of all of France no word has been received direct from Sister St. Michael.**

She attended two years at the Mankato Good Council and went from there to Crookston where she studied for two years, graduating four years ago this June. At that time she returned to Waseca for a few days visit with her parents.

Returning to Crookston she with four other Sisters left immediately for France. They were joined by others from throughout the United States and twenty or more were believed together enroute to Europe.

Silta minn gazzetta li tirrakonta dwar il-prugunerija ta' Anastasja bint Mr u Mrs James Norton.

## SERQA FORTUNATA.

Is-sena 2007 rat l-attendenza tieghi mill-gdid fil-knisja wara zmien sew nieqes minnha. Il-bollol kienu merfugha fil-bini ta' hdejja, imma wara li xi hadd dahal biex jisraq, jiena garrejt kollox ghal ghandi, fl-appartament tieghi. B'xorti tajba kemm il-kollezzjoni tal-bollol kif ukoll il-kartolini ma ntmessewx u lejla wahda waqt li kont qed inqalleb fil-kaxxa tal-bollol tigini mill-gdid il-kartolina ta' ommi.

Issa li ergajt bdejt nipprattika ir-religjon kattolika mill-gdid, il-kartolina laqtitni b'mod aktar interessanti mill-ewwel darba li get f'idejja. Iddecidejt li naghmel xi tfittix biex niskopri minn fejn kienet gejja l-kartolina. Kienet gejja minn xi parrocca gewwa l-Italja jew

minn xi monasteru? Dan is-sacerdot kien ghadu haj?

Dan is-sacerdot kien diga' halla din id-dinja u l-papa Gwann Pawlu II ikkanonizzah fis-16 ta' Gunju 2002: San Piju minn Pietralcina.

Haga stramba, izda vera: indunajt u skoprejt li dan kollu sehh fl-14 ta' Dicembru 2007, l-anniversarju ta' meta giet impustata din il-kartolina u ghalhekk ghaddew 62 sena li xi hadd impustaha.

Ovvjament jiena qsamt din l-iskoperta mal-familja u missieri li miet ftit ilu qalli dak li bdejt nissuspetta – li korrispondenza setghet intbaghtet lil Padre Pio titolbu ghar-ritorn qawwi u shih ta' oht ommi.

Ma seta' qatt jifhem missieri ghaliex ommi zammet kollox mohbi, anke minnu, u kif xi xhur wara Stasia, ghalkemm ghadma u gilda rritornat lura fi hdan il-familja wara zmiem ta' pruguneria u imbaghad kienet l-aktar persuna li damet hajja u b'sahhitha fil-linja tal-familja ta' ommi.


The Father Superior

14-12-47

CONVENTO DEI MIN. CAPPUCCINI
S. GIOVANNI ROTONDO
(Foggia)

Dear Mrs. Evans

The Father has received your letter of Sept. 11 and will pray for your intention. He sends you his blessing -

Very faithfully yours in J.C.
The Father Superior

Tghid San Piju minn Pietralcina tassew intervena ghall- hajja ta' ziti? Dak kollu li naf hu li kienet l-aktar membru minn fost hutha li ghexet u ma mietitx minn xi marda. Filwaqt li ma baqghtex soru...............hija xorta baqghet kattolika prattikanti ta' hegga u kienet mara li tesprimi l-ferh kull fejn tkun. Li kieku ma dahlux fl-appartament tieghi biex jisirqu, qatt ma kontx insir naf li Padre Piju kiteb lil ommi u li l-kartolina tieghu kienet tezor li jiena kelli minghajr ma kont naf.

Haga ta' l-ahhar -  jiena hadt kopji ta' din il-kartolina u qassamthom lill-membri tal-familja tieghi u xi hbieb li meta saru jafu bil-kaz talbuni wahda.

Missieri li rega' izzewweg wara l-mewt ta' ommu ha kopja ta' din il-kartolina u qieghda fuq l-ispalla ta' martu , meta din kienet ghaddejja minn ugigh kbir u talab. L-ugigh halliha immedjatament ftit wara.

Il-kartolina miktuba bi skop differenti ghal ewwel mara tieghu, issa kienet mezz biex tfejjaq lit-tieni mara tieghu. Kien tezor li kelli ghal hafna snin li matulhom kont hallejt il-knisja kattolika u abbandunajt il-fidi tieghi.  Izda hafna zmien wara rgajt dort lura lejn il-fidi kattolika ghax rajt li l-knisja ta' Kristu biss ghandha l-muftieh tal-verita'. Iz-zmien kollu li fih kont nghix barra mill-knisja, il-patri kappuccin kien prezenti f'hajti minghajr ma kont naf

Koincidenzi? Ma nemminx fihom.  Miraklu? Forsi. Kien x'kien din kienet it-triq ta' Alla li jaghti l-Padre Piju lill-familja taghna.

U certament ma ghandi ebda pjan li nabbandunawh, imma naqsan din l-esperjenza  ma' haddiehor.